# L-Istorja ta' San Pawl

*(Jorbot mal-Għadd ta' qabel)*

Pawlu telaq minn Miletu wara li kien ilu hemm xi jumejn jew tlieta. Aktarx li wħud min-nies li kienu ġew miegħu, baqgħu l-art, imma baqgħu jseħbuh Luqa u Trofmu u Aristarku. Il-ġifen saq lejn Kos, u jum wara laħaq Rodi u jum ieħor wasal Patara. hemmhekk niżlu u sabu ġifen sejjer lejn il-Fenikja, li rikbu u marru miegħu. Waslu qrib Cipru, li kien jidher fuq ix-xellug, niżlu 'l isfel u waslu Sur, għax hemm il-ġifen kellu jħott it-tagħbija.

Pawlu qagħad Sur sebat ijiem, jiġifieri li daqs hekk il-ġifen dam iħott. Hemm qagħad mal-insara li kien hemm. Dawn l-Insara kienu jafu kemm Pawlu kien mibgħud mil-Lhud, insara u mhumiex, ta' Ġerusalem, għalhekk talbuh li ma jitlax hemmhekk; imma Pawlu ma semax minnhom. Telaq minn hemm u marru jwassluh l-insara kollha, bin-nisa u t-tfal tagħhom, sa xatt il-baħar, fejn kien il-ġifen.

Minn Sur, Pawlu u sħabu, niżlu Tolemajs (il-lum jgħidulha Akri), safra qasira ħafna, Tolemajs qagħdu jum wieħed biss u telqu lejn Qajsarija bil-mixi. Qajsarija kien joqgħod Filippu, wieħed mis-seba Djakni, sħab Stiefnu, u Pawlu u sħabu qagħdu f'daru.

Kif kienu hemm wasal wieħed Nisrani minn Ġerusalem, qabad il-ħżiem ta' Pawlu u rabat bih saqajh u jdejh u qal: "Ta' min hu dal-ħżiem, hekk sa jkun marbut meta jasal Ġerusalem; u wkoll jingħata f'idejn ir-Rumin!" U għalhekk l-Insara bdew jibku u jitolbuh li ma jitlax, imma hu ma samax minnhom. Imbagħad Pawlu u sħabu telgħu Ġerusalem u qagħdu fid-dar ta' wieħed Lhudi minn Cipru jismu Mason. Din kienet il-ħames żjara ta' Pawlu lill-belt il-kbira, wara li qaleb Nisrani.

Ġerusalem kien hemm żewġ xorta ta' Nsara: Insara Lhud, li kienu qawwijin ħafna, u Nsara Ellenin, jew Griegi; dawn, f'xi ħwejjeġ, kienu jaqblu kollha; imma f'oħrajn ma jaqblux. Imma fuq kulħadd kien hemm, ħaj u qawwi sħiħ, l-Appostlu Jagħkub, ħu Kristu, li kien jisma' minnu kulħadd, Lhud u Ellenin. Dawn l-insara għarfu li Pawlu kien ġie Ġerusalem, sa minn dak in-nhar li wasal, u ftiehmu miegħu li jmur ikellimhom il-għada, quddiem Jagħkub, il-Kbir tagħhom, aktarx fid-dar ta' Mirjam, omm Ġwanni-Marku, oħt Bar-Naba, qrib iċ-Cenaklu.

Il-għada mar u resaq quddiemhom kif kien għenelli, u tahom il-flus li kien ġabar għal foqra tagħhom, u fissrilhom ix-xogħol kbir li kien għamel fost il-Griegi. Huma wrewh li ferħu bih, u talbuh li jagħmel ħaġa li aktarx, u qisu ċert, li kienet maħsuba.

Qalulu li billi l-Lhud ta' Ġerusalem kienu semgħu li kien qiegħed ibiegħed lil-Lhud ta barra mill-Liġi ta' Mosè, b'ex jurihom li dan ma kienx minnu kellu jmur it-Tempju u jieħu miegħu erbat irġiel li kellhom wegħda u jqarwiżhom u hekk il-Lhud ta' hemm ikunu jafu li għadu jħares il-Liġi.

Pawlu sama' minnhom u qagħad fit-Tempju sebat ijiem. Imma meta kien qorob iż-żmien ta' tmien il-wegħda, xi Lhud li kienu marru Ġerusalem għall-Għid mill-Asja,

għarfuh. Bdew jgħajtu, u ġabru magħhom lil-Lhud l-oħra kollha li kien hemm fil-misraħ. Qabdu lil Pawlu u bdew jaħbtuh u kienu ħerġin bih barra biex joqtluh. Imma fil-bitħa kien hemm is-suldati tal-Għassa Rumija li għajtu lil sħabhom minn ġewwa l-qalgħa, fuq ir-riħ tat-Tempju u niżel Tribun b'għadd kbir ta' suldati, u ħataf lil Pawlu minn idejn il-Lhud u tellgħu t-taraġ tal-qalgħa.

trab u jgħajjtu. It-Tribun, li ma kienx jifhem l-Arami, ħaseb li Pawlu kien għajjarhom, jew qal xi kliem ta' għajb fuqhom. Għalhekk daħħlu fil-qalgħa u amar lis-suldati li jorbtuh ħalli jagħtuh is-swat, biex jġegħlu jistqarr lil-Lhud x'kien qalilhom. Imma meta rabtuh, qabel ma bdew isawwtuh, Pawlu qal lic-Ċenturjun li kien għassa tiegħu li hu kien *Civis Romanus*, u għalhekk ħażin għalihom jekk isawwtuh bla ħtija!



*Malta, San Pawl il-Baħar. Kappella mibnija fuq il-post fejn jingħad mill-antik li l-Maltin għamlu l-ħuġġieġa meta wasal hawn l-Appostlu u fejn gidmitu l-lifgħa.*

Kif kienu telgħin bih, Pawlu talab lit-Tribun li jħallih ikellem lin-nies li kien hemm fil-misraħ. It-Tribun ħallieh u beda jkellimhom bil-lsien Arami. Pawlu qalilhom il-ġrajja ta' ħajtu, fuq kemm ħaqar lill-insara, kif biddel ħajtu, u hekk. Qallhom ukoll li darba, hemm ġewwa dak it-Tempju deherlu Ġesù u qallu: "Itlaq minn Ġerusalem, għax hawn ma jilqgħux il-Bxara tiegħek! Għand il-Gollin (il-Pagani) irrid nibgħatek!"

Meta qal dil-kelma, il-Lhud li kien hemm jisimgħu, tahom ferħ ta' ġenn. Bdew iqattgħu ħwejjiġhom jitajru t-

Iċ-Ċenturjun mar u qal b'dan lit-Tribun. It-Tribun ġie u ħallu mir-rbit u talbu jaħfirlu.

Il-għada t-Tribun laqqa' l-Qorti tal-Qassis il-Kbir tal-Lhud, Ħananija, u ressaq quddiemu lil Pawlu. Il-Qorti jew Sanħedrin, kien magħmul min-nies taż-żewġ Xirkiet il-kbar tal-Lhud: is-Sadduqin u l-Faresin. Ta' l-ewwel ma kienux jemmnu bid-dinja l-oħra, u bl-erwieħ, u l-oħrajn kienu jemmnu b'kollox. Pawlu kien jaf b'dan u malajr ħasibha; għalhekk għajjat: 'L-aħwa, jien Farisi u iben il-Faresin. Għax nemmen bil-qawma

tal-imwiet ġebuni hawn!" U kif qal hekk fil Qorti qamet tixwixa. Il-Faresin bdew jgħajtu: "Dar-raġel ma għandux ħtija!" u qabdu lil Pawlu biex jibgħatuh il-barra; u s-Sadduqin qabduh min-naħa l-oħra u bdew jiġbduh biex iżommuh ġewwa. It-Tribun baża' li sa jċarrtuh, għal hekk ħadulhom minn idejhom u daħħlu fil-qalgħa.

Is-Sadduqin dawk li kien mix-Xirka tagħhom il-Qassis il Kbir, lil Pawlu riedu jfittxu joqtluh. Għal dan saħħnu għadd ta' rġiel u ġiegħluhom jaħilfu li ma jieklux anqas jixorbu sa ma jaraw lil Pawlu mejjet. Dawn marru talbu lil Qassis il-Kbir li jitlob li jarġa' jara lil Pawlu, biex meta t-Tribun ikun sejjer bih lejn il-Qorti, jaħtfuhulu u joqtluh; imbagħad isir li jsir. Imma Pawlu kellu oħtu miżżewġa Ġerusalem u din oħtu kellha tifel imfarfar, li bħal zijuh kien moħħu jilħaqlu. Dan qagħad dieħel u ħiereġ Dejr il-Qassis u sama' x'kien sejjer jiġri. Għalhekk mar lejn il-qalgħa u talab li jkellem lir-raġel li kien hemm miżmum. Ħaduh ikellem lil Pawlu u qallu kollox x'kien ra u sama'.

Għalhekk Pawlu bagħat it-tifel għand it-Tribun biex igħidlu bin-nasba li kien hemm imħejjija. It Tribun sama' lit-tifel u bagħtu lejn id-dar u widdbu li ma jgħid lil ħadd li kien mar ikellmu. Għalhekk fil-għaxija, meta dalam, it-Tribun għajjat żewġ Ċenturjuni u qalilhom iħejju għadd ta' suldati biż-żwiemel, biex jitilqu lejn Qajsarija. Hekk sar, u għal ħabta tad-disgħa lil Pawlu bewġuh lejn Qajsarija, fejn kien jgħammar Feliċ il-Ħakem Rumi.

Feliċ lil Pawlu żammu Qajsarija sentejn, imma dan il-Ħakem, fis-sajf tas-sena 60 għalaq żmienu u telaq u lil Pawlu ħallieh magħluq fil-Maħkma, biex ma jiksirhiex mal-Lhud. Wara Feliċ laħaq Ħakem Festu, li l-ewwel ħaġa li għamel tala' sa Ġerusalem.

Hemm, il-kbarat tal-Qorti Lhudija resqu quddiem Festu biex jagħtuh il-merħba, u semmewlu wkoll lil Pawlu u talbuh itellgħu Ġerusalem. quddiem il-Qorti tagħhom, biex jeħilsuha. Imma hu qallhom biex jinżlu huma Qajsarija u jkellmuh hemm.

Hekk sar, u Pawlu tressaq quddiem il-kbarat Lhud biex jixluh. Pawlu hema għalih in-nifsu, u stqarr li f'xejn ma kien ħata la għal-Liġi, la għat-Tempju, anqas għall-Imperatur. Għal hekk Festu saqsieh: "Trid titla miegħi Ġerusalem, u naqtagħhielek hemm jien?"

"Le!" wieġbu Pawlu. "Jiena *Civis Romanus;* Għandi l jedd li nidher quddiem Qajsar, u quddiem Qajsar irrid immur!" Wieġbu Festu: "Quddiem Qajsar trid tmur? Quddiem Qajsar tmur!"

Għal ħabta tal-aħħar tas sajf tas-sena 60, f'Qajsarija daħal ġifen t'Adramittu (ftit 'l isfel minn Troas), li kien sejjer pajjiżu biex igħaddi x-xitwa. Festu meta ra dan qabad id-daqqa u ħaseb li jkun aħjar jibgħat lil Pawlu u li miżmumin l-oħra, lejn Ruma, inkella joqgħod jistenna sa kemm jarġa' jibda s-safar, fir-Rebbiegħa, sitt xhur wara. Hekk għabba fuq dak il-ġifen lil miżmumin, li kienu xi mija, u bagħat magħhom, jieħu ħsiebhom lil wieħed Ċenturjun jismu Ġulju, b'mitt suldat. Pawlu kien *Civis Romanus*, għalhekk tħalla jieħu miegħu żewġ qaddejja: Luqa u Aristarku.

Il-ġifen telaq u l-għada wasal Sajda. Minn Sajda telaq ukoll u

għadda minn fuq Ċipru u wasal Mira. F'Mira Ġulju sab ġifen ieħor sejjer lejn l-Italja, imgħobbi qamħ, biex iħott u jxetti, jew jgħaddi x-xitwa, u rikkeb il-miżmumin fuqu. Il-ġifen telaq, imma tqil kif kien mgħobbi qamħ u nies, mexa bil-qajl wisq, u damu sejrin kemm il-jum minn Mira biex waslu quddiem Rodi. Minn hemm niżlu 'l isfel u għaddew Ras Kreta, li jisimha Salmoni u lwew għoġbithomx, u riedu jitilqu minn hemm, safra ta' nhar, biex jidħlu f'marsa oħra akbar u aħjar minnha. Pawlu qalilhom li kien aħjar li jibqgħu hemm. Imma ċ-Ċenturjun li fuq il-ġifen kien l-aqwa wieħed, aktar sama' mill-kaptan u minn sid il-ġifen inkella minn Pawlu. U hekk telqu lejn il-marsa l-oħra.

F'daqqa waħda, kif ħarġu, l ajru ssaħħab u qamet taqliba kbira, li



*Malta, Bur-Marrad. Kappella ta' San Pawl Milqi, mibnija fuq ħerba ta' Villa Rumana, fejn jingħad li San Publiju, il-Kbir ta' Malta, laqa lil San Pawl u lil sħabu u żammhom miegħu tliet ijiem.*

għal taħtha biex daħlu f'marsa jisimha Kaloi-Limenes, fejn kien hemm belt żgħira jisimha Lasaja.

Issa ż-żmien kien daħal u t tbaħħir ma kienx żmienu. Is-sawma tal-Lhud tal-Kippur, li tiġi għal awaħer Ottubru, kienet għaddiet; imma l-marsa li daħlu fiha lil baħrin ma saqet il-ġifen quddiemha għal nofs il-baħar. Il-baħrin ma setgħux isuqu l-ġifen fejn riedu, u kellhom jitilquh, imur fejn jieħdu r-riħ. Damu mitlu-fin erbatax il jum, fuq il-baħar, tel-għin u nieżlin mal-mewġ oatgħu qalb-hom li jgħixu, u għamlu ruħhom b'mejtin. Imma darba waħda, Pawlu

waqaf f'nofshom u qalilhom: "Qawwu qalbkom, għax ħadd minna ma hu sa jintilef, ħlief il-ġifen. Anġlu t'Alla waqaf ħdejja dal-lejl u qalli li ma għandix għal fejn nibża', għax sa nidher quddiem Qajsar; u bis-saħħa tiegħi Alla sa jeħles mill għarqa lil kull min jinsab fuq dal-ġifen. Jiena nemmen li jsir kif Alla qalli. Imma għadna naslu fi gżira!"

U l-lejl ta' wara l-baħħarin ħassew li kienu qrib t'art. Xeħtu l-ankri biex il-ġifen jieqaf u stennewh jisbaħ, Sebaħ, u tassew raw art, imma ma setgħux jagħrfuha. Billi l-kaptan kellu ħsieb li jdaħħal il ġifen kemm jista' jkun qrib l-art, amar li jixħtu l-qamħ li kellhom fil-baħar biex il-ġifen jeħfief u jogħla u aktar jidħlu 'l ġewwa. It-tlieta l-kbar raw bħal rokna fil-blat, bl-art ta' ma' dwarha baxxa, u qatgħu li jekk jistgħu, jdaħħlu l-ġifen fiha. Tellgħu l-qala ż-żgħir ta' quddiem u nižžlu ż-żewġ tmunijiet u qatgħu l-erba' ankri u saqu lejn dik ir-rokna, u daħlu fiha; u bil-għajnuna tan-nies li kien hemm fuq ix-xatt, kulħadd ħeles u qabad l-art bis-sliema. U meta saqsew dik l-art x'kienet, qalulhom li kienet gżira jisimha Malta.

Malta dak iż żmien kienet tar-Rumani, u l-ġifen kien tar-Rumin u sejjer Ruma, u ċ-Ċenturjun kien Rumi wkoll. Għalhekk il-Ħakem ta' Malta u n-nies laqgħuhom tajjeb u għamlu magħhom mill aħjar. Pawlu u dawk li kienu miegħu damu Malta tliet xhur, jiġifieri x-xitwa kollha. U Pawlu nissel f'Malta d-Din Nisrani, kif kien jaħgmel kull fejn imur.

F'Malta kien hawn ġifen ieħor t'Alexandra li wkoll kien sejjer Ruma Wara li għaddiet ix-xitwa, ċ-Ċenturjun għabba fuqu lin-nies li kellu u telqu miegħu lejn l-Italja; għaddew Sqallija, waslu Pozzuoli u minn hemm baqgħu sejrin Ruma bl-art. Meta waslu Ruma, Pawlu, billi ma kien għamel ebda ħtija, u billi kien *Civis Romanus*, tħalla joqgħod għalih waħdu, maż-żewġ qaddejja li kellu miegħu u suldat għassa. Żmien tlitt ijiem Pawlu qagħad jistrieħ ftit mis-safar, imbagħad bagħat jistieden lil kbar tal-Lhud li kienu Ruma u għarrafhom bil-ġrajja ta' kif kien sab ruħu marbut. Huma weġbuh li ħadd ma kien qalilhom xejn ħażin fuqu, imma kienu jafu bix xirka l-ġdida ta' l-Insara, u jafu wkoll li l-Lhud ta' kullimkien kienu jistkerrħuha.

U Pawlu dam sentejn mgħasses minn suldat, jgħammar għalih waħdu f'dar li kien kera. U n-nies Lhud, u m'humiex, kienu jmorru għandu kull meta jridu, u hu kien ixandrilhom il-miġja ta' Ġesù fid-dinja u t-tagħlim tiegħu, fuq kif għandu jgħix il-bniedem f'din l-art.

Dam daqshekk ma deher quddiem il-Qorti Rumana għax il-kitba tiegħu aktarx li kienet intilfet meta tkisser il-ġifen f'Malta, u għalhekk il-Qorti ta' Ruma bagħtet iġġib oħra. Imma għalkemm dan, il-Qassisin Lhud tal-Palestina ma marrux Ruma biex jixluh hemmhekk, għalhekk il-Qorti telqitu. Il-ħelsien ta' Pawlu kien aktarx għall-ħabta tal-bidu tas-sena 63.

Pawlu, fiż-żmien li dam mgħasses Ruma ma kienx jista' jaħdem, kif kien imdorri, għalhekk kellu jgħix b'dak li kienu jibgħatulu l Insara, sewwa ta' Ruma, kemm ta' l-artijiet tax-Xerq. L-ewwel nies li bagħtulu għajnuna ta' flus, kienu l-Insara tal-belt ta' Filippi, kif jidher mill-Ittra li kitbilhom (k. II, 25; u IV, 14 u wara). Billi Pawlu ma satax imur

ifittex il-Lhud, marbut kif kien b'sinsla ma' id ta' suldat Rumi, u huma għall-kobrija ma kienux imorru għandu, kellu bil-ftit il-ftit jitbegħed mil-Lhud u joqrob lejn il Pagani, li minnhom kull ma jmur kienu aktar jaqilbu Nsara. San Kelment ta' Ruma, ftit snin wara qal li l-ħtija talqtil tal-Appostli Pietru u Pawlu kienet il għira tal Lhud li kien hemm Ruma.

Meta Pawlu kien marbut, xi ħbieb tiegħu bdew ixandru huma l-Evanġelju, biex isabbruh. Oħrajn bdew ixandru l-Evanġelju wkoll biex jinkuh, kif kiteb hu n nifsu lil Filippin (k.I,12). Imma sewwa b'dak li kienu jagħmlu l-ħbieb kemm b'dak li kienu jagħmlu l-egħdewwa, Pawlu kien ferħan, għax hekk jew hekk, kienet dejjem tingħaraf aktar l-Aħbar ta' Kristu. U minn din l-Ittra tal-Filippin magħruf ukoll li bis-saħħa ta' Pawlu kien hemm Insara wkoll fost is-suldati tal-Pretorju Rumi (v. 13) u ftit jew wisq ukoll fid dar ta' l-Imperatur (IV, 22). Dan kien fissena 62-63.

Ruma Pawlu kellu jgħinuh lil Luqa u lil Aristarku, li għaddew miegħu wkoll Malta. Kellu wkoll li Ġanni-Marku, li kien raġa' għamel ħabib miegħu, u lil Timotju u lil Tkiku. Kellu wkoll lil wieħed jismu Demas, li wara telqu u mar Salonki.

Għedna li Pawlu kien meħlus mill-Qorti ta' Ruma, u wara l ħelsien tiegħu dak li ġara kien aktarx dan li ġej: ftit wara li kien meħlus, telaq lejn Spanja, u raġa' lejn Ruma għal nofs is-sena 64, fejn sab lil Luqa. Fix-xahar ta' Lulju 64 sar il-ħruq ta' Ruma u wara ftit bdiet it-tfittxija għall-insara. Ftit wara dan, Pawlu telaq minn Ruma, imma baqa' x'imkien fl Italja, f'xi belt qrib il-baħar, fejn kiteb l-Ittra tal-Lhud, u wara sab ġifen u telaq lejn ix-Xerq. Fil-bidu tas-sena 65 Pawlu kien jinsab Efesu, ma' Timotju. Wara żmien Pawlu ħalla lil Timotju f'Efesu u hu telaq lejn il-Makedonja. Minn hemm mar ma' Titu jħabbar l Evanġelju fil-gżira ta' Kreta. Wara li għamel għadd ta' Nsara kbir ġmielu ħalla lil Titu u hu mar x'imkien mhux magħruf. Kien għamel il-ħsieb li jgħaddi x-xitwa f'Nikoplis u kiteb lil Titu biex jmur isibu hemm. F'Nikoplis aktarx li għamel ħafna Nsara, għax wara xi żmien bagħat lil Titu bħal Isqof tad-Dalmazja. Wara dan, għall-għarrieda, Pawlu jarġa' jinsab Ruma. Jidher li kien inqabad ta' malajr, għax anqas kellu żmien jieħu miegħu l-mantell u l-kotba u l-karti li kien ħalla fid-dar ta' wieħed jismu Karpu. Aktarx mela li nqabad missuldati Rumin meta kien Troas, u minn hemm ittieħed Efesu fejn saritlu l-ewwel xilja quddiem il Qorti. F'Efesu donnu li ħafna ħbieb milli kellu telquh għax beżgħu juru ruħhom, u ħadd ma baqa' miegħu ħlief Timotju, Onesiforu, Akwila u martu Priskilla. L-aktar li xeħed ħażin fuqu kien wieħed jismu Alexandru, li kien naħħas. Minn Efesu, Pawlu ttieħed Ruma bil-baħar. Dan aktarx ġara fil Ħarifa tas-sena 66 jew fir-Rebbiegħa tas-67.

Pawlu f'Ruma, fit-tieni żamma, deher quddiem il-Qorti aktar minn darba. Wara l-ewwel dehra aktarx li kien miżmum fil ħabs tal-ħżiena — qattiela u ħallelin u dan — fejn kienet ħaġa kbira biex xi ħadd jitħalla jarah u jkellmu. Għalhekk Onesiforu, meta mar Ruma, dam ifittxu qatiegħ sa kemm sabu. U

Pawlu aktarx bagħat għal mantell, biex itaffi l-kesħa ta' taħt l-art, u jitkebbeb fih meta ma kienx jiflaħ aktar bin-ngħas u jrid jorqod għamża.

Ftit wara li Pawlu kiteb it-II Ittra lil Timotju, deher mill-ġdid quddiem il-Qorti u nqetgħetlu għal mewt. Il-għada Pawlu kien maħruġ mill-ħabs, idejh u saqajh imqajjda, immexxi f'nofs is-suldati, u quddiemhom Ċenturjun. Ħarġuh barra mill-belt u neżżgħuh ħwejġu u tawh is-swat. Imbagħad b'daqqa ta' sejf ħasdulu rasu.

U hekk miet Xa'ul, li darba kien Rabbi tal-Lhud; jew Pawlu, li issa kien l-akbar Appostlu tal-Insara.

TMIEM

# IL-GROTTA TA' SAN PAWL TAR-RABAT

*(Torbot mal-għadd ta' qabel)*

## VI — KELMTEJN FUQ L-ISTORJA

Fost in-nies il-magħrufa fil-ġrajja ta' Malta, l-aktar wieħed li għamel ġid huwa San Pawl, u l-aktar wieħed li għamel deni għax ried jew m'hux għax ried huwa l-Konti Ruġġieru.

Barra mid-deni *ndirett* imsemmi f'kull ktieb tal-istorja ta' pajjiżna, bħal m'huma l-ħiġmiet jew "raids" tal-Għarab, li kienu jiġu għall-għarrieda, jaħarqu ż-żara, jaqtgħu s-siġar u jisirqu bhejjem u nies; il-kiri ta' Malta lil xi tirann, li jagħsar demm l-imsejken poplu sal-anqas qatra: nies li kienu jmutu bil-ġugħ u l-kesħa fix-xitwa, ġewwa l-grieni tar-raba u l-egħrien; għamel ukoll deni *dirett*: in-nuqqas ta' dokumenti fuq il-ħakma u l-ġrajja tal-pajjiż. Għax il-Konti ħa miegħu lejn Sqallija, l-Insara qishom kollha li sab hawn, u dawn, m'għandniex xi ngħidu, ħadu magħhom il-kotba, jiġifieri l-manuskritti (għax dak iż-żmien ma kienx hawn stamperijiet) li kellhom, u Malta, f'dik li hi kitba, sefgħet fix-xejn. In-nies ta' wara l-miġja tal-Konti bil-għaks u l-ġugħ li kellhom ma kellhomx ħsieb il-kitba, imma kienu jaraw kif jagħmlu biex iżommu ruħhom f'ġisimhom, bit-tama li ż-żmien 'il quddiem jitbiddel għall-aħjar. Għalhekk fuq il-Grotta ta' San Pawl u l-qagħda tiegħu f'Malta, l-ewwel dokument li hu magħruf (ħaġa ta' min jistħi jgħidha), huwa ta' Quintinus Haedjus, is-segretarju ta' L'Isle Adam fis-sema 1532.

Mela, jaħasra ma nistgħu nafu xejn fuq San Pawl u fuq il-Grotta, qabel is-Seklu Sittax?". Naraw nistgħux inlaqqtu xi ħaġa minn x'imkien.

Bħal ma rajna fil-bidu, u kif inhu miktub fl-Atti tal-Appostli, San Pawl dam Malta tliet xhur. Tliet xhur għal ħerqa ta' San Pawl u għaċ-ċokon ta' Malta huma żmien twil ġmielu. Jekk ngħidu li f'għoxrin jum in-nies ta' Malta kollha kienu jafu bih (għax ix-xnijjat u l-kliem aktar ma jgħaddi ż-żmien aktar iħaffu fil-ġiri), u f'erbgħin jum kien fejjqilhom il-morda kollha, jiġi li kien fadallu xahar ħieles, imur fejn irid.

Dan ukoll jaqbel mal-għidut ta' Malta, għax hawn jingħad li San Pawl żar ħafna rħula, fosthom in-Naxxar, il-Gudja u ż-Żejtun. Jista' jkun, u kien jaqbel u xieraq, li x-